

*Dokument ta' sessjoni*

7.9.2011

B7-0481/2001

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B7-0419/2011, B7-0420/2011, B7-0422/2011, B7-0423/2011, B7-0424/2011 u B7-0425/2011

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni

**Monica Luisa Macovei, Mariya Ivanova Nedelcheva, Manfred Weber, Simon Busuttil, Agustín Díaz De Mera, Salvatore Iacolino, Marietta Giannakou, Jean-Pierre Audy and Roberta Angelilli**  
fisem il-Grupp PPE-DE  
**Hannes Swoboda, Ana Gomes, Claude Moraes, Jens Geier, Rita Borsellino and Rosario Crocetta**  
fisem il-Grupp S&D  
**Renate Weber, Sonia Alfano, Nathalie Griesbeck, Ramon Tremosa i Balcells, Louis Michel, Jan Mulder, Sarah Ludford, Andrea Zanoni, Jens Rohde**  
fisem il-Grupp ALDE  
**Jan Philipp Albrecht, Eva Joly, Judith Sargentini**  
fisem il-Grupp Verts/ALE  
**Dennis de Jong, Søren Bo Søndergaard and Jean-Luc Mélenchon**

fisem il-Grupp GUE/NGL

**Timothy Kirkhope**

fisem il-Grupp ECR

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-6 ta' Ġunju 2011 intitolat Nissieltu kontra l-Korruzzjoni fl-UE (COM(2011)308) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2011)3673 finali) li tistabbilixxi mekkaniżmu għar-rappurtar tal-korruzzjoni għal valutazzjoni perjodika ('Rapport tal-UE kontra l-Korruzzjoni'),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 67(3) u 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Programm ta' Stokkolma, għal Ewropa mistuha u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini',
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub 2/2010 tal-Parlament Ewropew dwar l-isforzi tal-Unjoni fil-ġlied kontra l-korruzzjoni,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlied kontra l-korruzzjoni fis-setturi privat<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji<sup>2</sup> tal-Komunità Ewropea mfassal abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat ta l-Unjoni Ewropea li tikkriminalizza l-frodi u l-korruzzjoni li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fuq il-ġlied kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-korruzzjoni hija qasam ta' reati partikolarment serji b'dimensjoni transkonfinali u spiss għandha implikazzjonijiet transkonfinali fl-UE u 'l hinn mill-fruntieri tal-UE, u billi l-Unjoni Ewropea għandha dritt ġenerali li taġixxi fil-qasam tal-politika kontra l-korruzzjoni;
- B. billi l-Artikolu 67 tat-TFUE jistipula li l-Unjoni għandha l-obbligu li tiżgura livell għoli ta' sigurtà, fost l-oħrajn permezz tal-prevenzjoni u l-ġlied kontra l-kriminalità u l-approssimazzjoni ta' liġi jipper kriminali, u billi l-Artikolu 83 tat-TFUE jelenka l-korruzzjoni

<sup>1</sup> ĠU L 192, 31.7.2003. p. 54.

<sup>2</sup> ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

<sup>3</sup> ĠU C 313, 23.10.1996. p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 195, 25.6.1997, p. 1.

- fost ir-reati partikolarment serji b'dimensjoni transkonfinali;
- C. billi l-Programm ta' Stokkolma (4.1) jelenka l-korruzzjoni fost l-isfidi transnazzjonali li jkomplu jheddu s-sigurtà interna tal-Unjoni, li jeħtieġu rispons ċar u komprensiv;
  - D. billi erbgħa minn kull ħames ċittadini tal-UE jikkunsidraw il-korruzzjoni bħala problema serja fl-Istat Membru tagħhom (Eurobarometer 2009 dwar l-atteġġamenti tal-Ewropej lejn il-korruzzjoni) u 88% ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-Programm ta' Stokkolma jikkunsidraw li l-UE għandha timpenja ruħha aktar kontra l-korruzzjoni;
  - E. billi huwa stmat li EUR 120 biljun fis-sena, ammont li jirrapreżenta wieħed fil-mija tal-PDG fl-UE, jintilfu minħabba l-korruzzjoni (COM(2011)308);
  - F. billi l-korruzzjoni tnawwar l-istat tad-dritt, twassal għall-użu ħażin tal-fondi tal-UE provduti minn min iħallas it-taxxi, ixxekkel is-suq u kellha rwol fil-kriżi ekonomika attwali,
  - G. billi l-irkupru ekonomiku tal-Istati Membri affettwati mill-kriżi ekonomika u finanzjarja jiġi mfixkel mill-korruzzjoni, l-evażjoni fiskali, il-frodi fiskali u reati ekonomiċi oħra;
  - H. billi l-korruzzjoni tikkawża dannu soċjali minħabba li gruppi kriminali organizzati jużaw il-korruzzjoni biex iwettqu delitti serji, bħaq-trafficar tad-droga u tal-bnedmin (COM(2011)308);
  - I. billi hemm nuqqas ta' impenn politiku sod min-naħħa tal-mexxejja u ta' min jieħu d-deċiżjonijiet biex jiġi jieldu kontra l-korruzzjoni fis-suriet kollha tagħha u billi l-implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni fost l-Istati Membri mhijiex ugħwali u ġeneralment mhijiex sodisfaċenti (COM(2011)308);
  - J. billi l-Istati Membri tal-UE ma rratifikawx il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni, tħażżeen minnhom ma rratifikawx il-protokoll azzjonali tagħha u sebgħa minnhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni; billi tliet Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-korruzzjoni (UNCAC) u ħames Stati Membri tal-UE għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tal-OKŻE kontra t-Tixħim;
  - K. billi l-perċeżżjoni tal-korruzzjoni ddgħajjef serjament il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, filwaqt li taffettwa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern;
  - L. billi l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każiżiet ta' korruzzjoni b'dimensjoni transkonfinali għadha kumplessa u kajmana;
  - M. billi, jekk ma tiġix indirizzata urġementem u b'mod korrett, il-korruzzjoni tista' timmina l-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u ddgħajjef ir-responsabbiltà tat-tmexxija politika (COM(2011)308);
  - N. billi l-korruzzjoni żammet diversi gvernijiet dittatorjali fil-poter u ħalliethom idaħħlu ammonti sinifikanti ta' flus f'kontijiet ta' banek barranin, inklużi dawk Ewropej; billi l-Istati Membri għandhom iqawwu l-isforzi tagħihom biex jintraċċaw u jiffriżaw assi

barranin misruqa sabiex dawn ikunu jistgħu jintraddu lura lis-sidien legali tagħhom;

1. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni, fis-6 ta' Ġunju 2011, ta' pakkett kontra l-korruzzjoni<sup>1</sup> li jinkludi komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE u deċiżjoni li tistabbilixxi r-'Rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni';
2. Jitlob lill-Kummissjoni tipproritizza l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kuntest tal-aġenda tas-sigurtà tagħha għas-snin li ġejjin, inkluż f'dak li jirrigwarda r-riżorsi umani allokatilha;
3. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza, permezz tal-mekkaniżmu ta' rappurtar tagħha, il-ħsieb princiċiali tal-implementazzjoni effikaċi tal-liġijiet kontra l-korruzzjoni, kif ukoll sanzmanijiet dissważivi, inklużi dawk imposti mill-infurzar tal-liġi u mill-ġudikatura;
4. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza t-traspożizzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-korruzzjoni, inklużi sanzmanijiet dissważivi, u tieħu passi biex tistimula t-traspożizzjoni u l-infurzar mill-Istati Membri ta' strumenti internazzjonali u reġjonali kontra l-korruzzjoni;
5. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, fl-implementazzjoni ta' mekkaniżmu ta' rappurtar kontra l-korruzzjoni fl-UE, tiżgura li l-eserti indipendenti jkunu parti mill-grupp ta' esperti u min-netswerk ta' korrispondenti tar-riċerka u li l-eserti kollha jkollhom livell għoli ta' integrità, reputazzjoni u kompetenza, u li jiġu rappreżentati varjetà ta' organizzazzjonijiet soċjali ċivili;
6. Jitlob lill-Kummissjoni biex, qabel l-2012, tikkunsidra toħroġ rapporti interim kontra l-korruzzjoni, minħabba l-urġenza li din il-kwistjoni tiġi trattata fid-dawl tal-kriżi ekonomika attwali f'diversi Stati Membri;
7. Jitlob lill-Kummissjoni taġixxi abbażi tal-Artikolu 83(1) TFUE biex tadotta regoli minimi dwar id-definizzjoni tal-korruzzjoni u s-sanzjonijiet għaliha, minħabba d-dimensjoni transkonfinali u l-konsegwenzi għas-suq intern;
8. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' progress fl-implementazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat; iħeġġeġ lill-Istati Membri jittraspon u jinfurzaw id-dispożizzjoniċċi ta' din id-deċiżjoni qafas;
9. Jitlob lill-Kunsill u lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ il-konvenzjonijiet tal-UE tal-1995 u l-1997 li jikkriminalizzaw il-frodi u l-korruzzjoni;
10. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tieħu azzjoni fuq il-livell tal-UE lejn l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ta' informaturi (inkluża l-protezzjoni kontra l-libell u d-difamazzjoni u akkużi kriminali) u l-kriminalizzazzjoni tal-ġmigħ ta' ġid illeċitu;

---

<sup>1</sup> Il-pakkett kontra l-korruzzjoni jinkludi Komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE, deċiżjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rapportaġġ tal-UE kontra l-korruzzjoni, rapport dwar l-implementazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2003/568/JHA tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat, kif ukoll rapport dwar il-modalitajiet ta' parteċipazzjoni tal-UE fil-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO).

11. Jitlob li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inklużi l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri, jiżguraw aktar trasparenza billi jfasslu kodiċi ta' kondotta jew itejbu dawk li diġà jeżistu, b'tal-anqas regoli ċari dwar il-kunflitti tal-interess, kif ukoll jieħdu azzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-infiltrazzjoni tal-korruzzjoni fil-politika u l-midja, inkluż billi jtejbu t-trasparenza u l-monitoraġġ tal-finanzjament u tal-fondi;
12. Jitlob lill-Istati Membri jinvestu riżorsi finanzjarji u umani fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jikkoperaw mal-Europol, il-Eurojust u l-OLAF fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati marbuta mal-korruzzjoni;
13. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Eurojust jiżguraw skambju aktar effikaċi u ta' malajr ta' dokumenti u informazzjoni bejn qrat nazzjonali dwar każijiet ta' korruzzjoni b'dimensjoni transkonfinali;
14. Jitlob lill-Kunsill jiġgura li jkun hemm l-impenn politiku meħtieġ, li attwalment huwa nieħes f'xi Stati Membri, biex jiġġieled kontra l-korruzzjoni u jimplimenta l-miżuri adottati mill-Kummissjoni permezz tal-pakkett kontra l-korruzzjoni tagħha u l-pakkett usa' dwar il-protezzjoni ta' ekonomija leċita;
15. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex irendu aktar effikaċi n-netwerk attwali ta' punti fokali nazzjonali kontra l-korruzzjoni u jitlob lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitàajiet ta' dan in-netwerk;
16. Jitlob lill-Kunsill u lill-Istati Membri jirratifikaw u jimplimentaw b'mod sħiħ il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) dwar il-ġlieda kontra t-tixxim ta' uffiċċiali pubbliċi barranin fit-tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali; jenfasizza l-impatt negattiv li għandu t-tixxim ta' uffiċċiali barranin fuq id-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, l-ambjent u l-politiki tal-iżvilupp;
17. Huwa tal-fehma li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni tinvolvi aktar trasparenza fit-tranżazzjonijiet finanzjarji, speċjalment dawk fejn huma involuti l-hekk imsejħa ġurisdizzjonijiet offshore fi ħdan l-UE u f-partijiet oħra tad-dinja;
18. Jitlob lill-Kunsill jaġixxi flimkien mal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' ftehimiet ma' terzi pajjiżi (speċjalment l-hekk imsejħa ġurisdizzjonijiet offshore) bl-għan li jiggarrantixxu l-iskambju tal-informazzjoniji dwar kontijiet bankarji u tranżazzjonijiet finanzjarji marbuta ma' cċittadini u impriżi tal-UE f'dawn il-pajjiżi;
19. Jitlob lill-Kummissjoni tiġġieled kontra l-abbuż ta' impriżi anonomi fittizji fil-ġurisdizzjonijiet ta' segretezza, li jiffaċilitaw flussi finanzjarji kriminali, fejn dan huwa element prinċipali tar-riforma li ġejja tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus (KHF);
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiġgura koordinazzjoni politika b'saħħitha bejn il-mekkaniżmu tar-rappurtar kontra l-korruzzjoni u l-istrateġija l-ġdida kontra l-frodi u l-inizjattiva leġiżlattiva dwar l-irkupru tal-assi kriminali, li huma inklużi fil-pakkett usa' dwar il-protezzjoni tal-ekonomija leċita;
21. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti rapport kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE kontra l-korruzzjoni u tissottometti, kull meta jkun

relevanti u fattibbli, rapporti interim dwar problemi speċifiċi rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.